Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 341 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Ian J. Abdilla

Vs

Christopher Cassar

Illum 25 ta' April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Christopher Cassar, detenur tal-karta tal-identita Maltija 578165M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer, matul l-1989, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda:

(a) Approprja ruhu, billi dawwar fi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn merkanzija u flus b' valur li jeccedi l-Lm45,000, liema flus u merkanzija kienu ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing)[1] Ltd u li kienu gew fdati jew ikkunsinjati lilu minhabba l-kariga jew servizz tieghu u cioe fil-kapacita` tieghu bhala ' saleseman' impjegat mal-imsemmija socjeta`, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus u merkanzija jew li jsir uzu minnhom specifikat (Art. 293 u 294 ta' Kap. 9);

[1] Korrezzjoni awtorizzata b' digriet tal-14 ta' Marzu, 1991.

(b) Ghamel falsifikazzjonijiet f' atti awtentici, jew fi skritturi kummercjali, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamel uzu minn skrittura falsifikata imsemmija (Art. 183 u 184 ta' Kap. 9).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz illi waqt l-ezami tieghu, l-imputat wiegeb illi mhuwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll in-Nota tal-Avukat Generali[2], li permezz taghha indika li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 293, 294, 183, 184 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Lulju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern, sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, filwaqt illi sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni (izda ghar-ragunijiet fuq indikati mhux dwar flejjes li jeccedu s-somma ta' hamsa u erbghin elf Liri Maltin (Lm45,000), izda fis-somma ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47)) u ikkundannatu ghall-piena ta' tnax-il xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati sabiex ihallas lid-ditta Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. is-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

[2] A fol. 147 tal-process.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll il-konsegwenzi ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9, kemm il-darba l-hlas fuq imsemmi ma jsirx fil-perjodu indikat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Christopher Cassar, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **joghgobha, fl-isfond tas-suespost, tirrevoka is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Lulju tas-sena korrenti fil-kawza fl-ismijiet premessi.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huma car u manifest u jikkonsisti f' dan li gej:

A. B' referenza ghall-akkuza skond id-disposti tal-Arthklu 293 u 294 tal-Kap 9 jigi rilevat li fil-kors tar-relazzjoni tal-esponent mad-ditta surriferita, kif intqal supra, kien hemm kazijiet meta l-invoices relattivi ghall-merkanzija lill-esponent kien gie inkarigat li jbiegh, gew emessi f' isem l-esponent b' mod li huwa assuma l-kwalita' guridika ta' klijent ta' din id-ditta bl-obbligu li huwa stess ihallas il-prezz tal-merkanzija mibjugha. Pero' kien hemm kazijiet ohra meta l-istess ditta kienet in oltre tohrog ricevuti "cash sale" lill-esponent fl-liema kaz kien javvera ruhu t-trasferiment tal-propieta' tal-merkanzija lill-esponent. Fiz-zewg kazijiet l-esponent kien isir il-propietarju tal-merkanizja bl-obbligu li jhallas il-prezz dovut lill-imsemmija ditta.

   Huwa sottomess illi fiz-zewg ipotesi u cioe' meta id-ditta kienet tohrog invoice direttament lill-esponent bil-presuppost li huwa kien tenut li jhallas il-prezz dovut kif ukoll meta kienet taghtih, ricevuta cash sale kienet tinholoq relazzjoni guridika bejn din id-ditta u l-esponent ta' bejjiegh u xerrej. Fiz-zewg ipotesi l-obbligu tar-radd tal-"valur" tal-merkanzija gie estint u minflok tnissel l-obbligu tal-hlas tal-prezz pattwit ghall-akkwist tal-merkanzija mill-

esponent ossija, in effetti, giet fis-sehh relazzjoni guridika li kienet purarnent ta' natura civili.

Konsegwentement ma kienx jissussisti bazi legali biex jigu istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tal-esponent ai termini tad-disposizzjonijiet surriferiti stante li l-ipotesi tar-reat prospettat mill-imsemmija disposizzjonijiet tal-kap. 9 ma setghax jirrizulta pero' salv u impregudikat d-dritt tad-ditta riferita li tistitwixxi azzjoni ta' natura civili fil-konfront tal-esponent.

B. Minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tal-eccezzjoni tal-koercizzjoni sollevata mill-esponent jirrizulta li mis-sentenza moghtija rnill-Ewwel Onorabbli Qorti l-istess kienet konvinta fi grad ta' probabilita' li l-esponent kien mhedded minn Debattista u kienet ukoll konvinta fil-grad tal-konviciment morali li l-istess Debattista kien qed jestorci l-flus minghand l-esponent fl-isfond ta' dan it-theddid. Kienet ukoll konvinta li l-estorzjoni tramite t-theddid sehh fuq medda qasira ta' zmien li kien jestendi ghal xi jiem jew gimghat. Pero', mill-banda l-ohra l-Ewwel Qorti deherilha li l-esponent kien f'qaghda li jindirizza dan it-theddid billi jirrikorri ghall-intervent tal-Pulizija. Pero' f'dan ir-rigward ghandu jigi precizat li l-esponent xhed li Debattista kien widdbu li kellu hafna hbieb fil-Pulizija fosthom fizzjal u cioe' Ronnie Cilia, bl-implikazzjoni li Debattista kien ikun jaf jekk l-esponent irrikorriex ghall-intervent tal-Pulizija u dan appena jirfes l-ghatba tad-Depot. Huwa evidenti li Debattista irrikorra ghal dina l-istratagemma propju biex johloq deterrent psikologiku bl-iskop li jbieghed lill-esponent milli ifittex l-ghajnuna tal-Pulizija fl-istond tat-theddid provenienti minghand Debattista li jelimina lil iben l-esponent.

Pero' f' ħdan ir-rigward huwa sottomess li l-biza' u sahansitra t-twerwir m' huwiex stat psikologiku oggettiv. Ghall-kuntrarju huwa stat psikologiku purament soggettiv li necessarjament huwa suxxettibli ghal rejazzjonijiet varji u sahansitra mill-aktar atipici da parti tal-vittma, tenut kont l-eta', l-grad ta' maturita', l-livell edukattiv, l-esperienza,s-suxxettibilita' psikologika tal-

vittma għall-biża' u għall-manipulazzjoni, kemm il-vittma timpressjona ruħha meta tkun mhedda u kif tirreagixxi għat-theddid fil-fattispeci tal-kaz oltre elementi oħra li talvolta huma relevanti fl-isfond tal-kaz.

L-esponent xhed li Debattista kien waal biex iheddu gravement b' referenza għall-aktar haga ghaziza ghal kull persuna u cioe' l-ulied u li sahansitra kien urieh arma tan-nar u hedded li joqtol lil ibnu bih. Kien anke wrieh ritratt inter alia ta' ibnu. M' hemmk dubbju li theddida ta' dina l-entita' twahhax lil min igarrabha. L-entita' taghha hija tali li evidentement tipperdura fiz-zmien u tibqa' attwali anke mat-trapass ta' xi jiem jew gimghat u anke hafna aktar minn hekk. Il-prospett tal-qtil tal-wild ta' xi persuna izjed ghandha tendenza li ssir ossessjoni li se mai tiggrava mat-trapass taz-zmien milli tizvinta fix-xejn specjalment jekk il-manipulazzjoni psikologika tal-vittma tat-theddid tkun ppjanata tajjeb. Di fatti jirrizulta mix-xhieda ta' Giovanni Azzopardi li fil-fazi konklussiva ta' din il-grajja meta l-esponent kien gie mgieghel li jsiefer fir-Renju Unit, l-manipulazzjoni tal-esponent da parti ta' Debattista kien ghadu operattiv stante li skond ix-xhieda ta' Azzopardi l-esponent, bhala fatt empiriku, kien bezghan mill-prosqett li jispicca l-habs in vista tal-inkwiet li kellu ma' martu. L-esponent kellu l-percezzjoni li dan il-prospett kien realta' ezistenzjali minkejja li kuginuh kien widdbu li dan ma kienx il-kaz. Huwa sinifikanti li l-esponent kien siefer, l-Ingilterra ma min kien qed jisgozzah daqskemm huwa sinifikanti li Debattista kellu l-ardir li jixhed li kienu siefru ghal btala. Pero' huwa gie sommarment kontradett minn Azzopardi li kien wassalhom l-ajruport li ta l-verzjoni vera ghala l-esponent kien siefer l-Ingilterra, kif aktar ' l fuq riferit. Din il-percezzjoni wasslitu ghall-imgieba estrema li jbiegh daru lil Debattista li xi gimghat wara bieghu bi profitt lil Azzopardi li akkwistaha permezz ta' kumpanija minnu kontrollata u dan kif jirrizulta mir-ricerki esebiti fl-atti processwali. Pero' la Debattista u lanqas Azzopardi m' ghamlu referenza ghal dana l-aspett verament sinifikanti konsidrat fil-kuntest tal-estorzjoni prattikata minn Debattista bi pregudizzju gravi ghall-interessi patrimonjali tal-esponent anke bil-konkorrenza ta' Azzopardi li bbenefika b' mod vistuz minn dina l-estorzjoni hi akkwist eventwali ta' immobbli minghand l-esponent kif jirrizulta palesement mill-

istess ricerki. Huwa propju ghalhekk li Debattista u Azzopardi ma semmew assolutament xejn dwar dana l-aspett krucjali fix-xhieda taghhom. Huwa sottomess li m' hemmx dubbju li l-ingenwita' tal-esponent kienet ir-raguni ghala huwa safa vittma tal-estorzjoni ta' Debattista sa certu grad iI-kompIicita' ta' Azzoppardi stante li huwa ma kellux l-esperienza mehtiega u livell edukattiv li kien tali li seta' jindirizza l-probiema serja li kien qed jirrinffaccja u minhabba f' hekk kien partikolarment suxxettibbli ghat-theddid u ghall-manipulazzjoni psikologika ta' haddiehor molto piu billi t-theddid kien indirizzat lejn ibnu stess.

Il-versosimiljanza tat-tesi tal-esponent b' referenza ghall-eccezzjoni tal-koercizzjoni tohrog meta titiqies ix-xhieda ta' Debattista li invoka d-dritt li ma jwigibx ghadd sostanzjali ta' domandi lkoll verament materjali u relevanti f'dan ir-rigward billi f' kaz li gew imwiegba huwa kien jisfa inkriminat propju fil-kuntest tal-estorzjoni minnu partikat fil-konfront ta' u bi pregudizzju ghall-esponent.

Di fatti Debattista ma riedx iwiegeb domandi dwar ic-cirkostanzi li sawwru r-relazzjoni tieghu rnal-esponent, dwar l-iskop tal-laqghat tieghu mal-esponent, dwar ir-raguni ghala hu u l-esponent marru l-Ingillterra (hlief dwar l-allegazzjoni li huma kienu siefru ghal btala li kif intwera supra assolutament ma kienx minnu) u dwar jekk ghaddewx flus bejnu u l-esponent. L-agir ta' Debattista ma kien xejn aktar minn attentat biex jahbi l-verita f' dan ir-rigward jew, kif gustament osservat l-Ewwel Qorti "biex jghatti xturu". Huwa evidenti li l-istratagemma ahharija ta' Debattista kienet li wara li huwa kien sgozza lill-esponent ried jghatti dnubu billi jehles minnu billi gaghlu jahrab l-Ingillterra. Wara li Debattista heles mill-esponenti fi kliemu stess huwa qatt ma rega' kellmu tenut kont li allegatament hu u l-esponent kienu marru l-Ingillterra ghall-btala bhall-hbieb ntimi li jsiefru flimkien!!

Fir-rigward tal-attendibilita' o meno tax-xhieda tal-esponent l-Ewwel Qorti ma deherilhiex li din ix-xhieda kienet karatterizzata minn kontradizzjonijiet jew minn diskrepanzi li kienu tali li jiskreditaw din ix-xhieda u effettivament

tat affidament lix-xhieda tal-esponent b' referenza ghal materji determinanti f'dan il-kuntest. Di fatti emmnet it-tesi fondamentali tal-esponent li l-istess kien qed jigi sgozzat minn Debattista u li kien qed ighaddilu l-flus fl-isfond ta' theddid. Pero' l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset li mat-trapass taz-zmien l-esponent zieddettal li ma kienx issemma' qabel u rreferiet ghal dettal solitarju li gie rilevat mill-esponent sahansitra ghoxrin sena ilu u cioe' waqt is-seduta tas-17 ta' April 1998. Dan id-dettal kien jirrigwarda incident fejn fl-isfond tal-manipulazzJoni partikat minn Debattista fil-konfront tal-esponent l-istess kien irrefera ghal incident li kien jinvolvi il persuna bil-laqam il-Wangy. Din il-persuna allegatament kienet intimidat lill-esponent permezz ta' machine gun zghir. Skond l-esponent din il-persuna kienet intbaghtet ghandu minn Debattista.

Pero' huwa sottomess bir-rispett illi dan il-fattur ma messhux influwenza lill-Ewwel Qorti negattivament fil-konsiderazzjoni tal-attendibilita' o meno tax-xhieda tal-esponent. Kif ntqal l-Ewwel Qorti ma ccensuratx ix-xhieda tal-esponent talli kienet karatterizzata minn kontro-sensi, kontradizjonijiet jew diskrepanzi izda ssenjalat dan id-deal rigwardanti il-Wangy esklussivament. Pero' huwa sottomess Ii m' hemm xejn inkonswet li l-esponent irrefera ghall-Wangy waqt is-seduta tas-17 ta' April 1998 u li rega' rrefera ghalih xi ghoxrin sena wara meta xhed qudiem l-Ewwel Qorti allura diversament komposta. Jekk xejn il-fatt li l-Wangy rega' ssemma' jimplika li x-xhieda tal-esponent moghtija meta xhed quddiem l-Ewwel Qorti diversament komposta fit-22 ta' Lulju 2016 kienet linejari u kienet kompatibbli ma dak li kien xhed waqt is-seduta tas-17 ta' April, 1998 meta kien hemm Magistrat iehor li kien qed jippresiedi f' din il-kawza.

L-esponent jissottometti illi dak li huwa verament decisiv f' dan ir-rigward hu li l-Ewwel Qorti kienet konvinta li l-esponent kien qed jghaddi l-flus lil Debattista taht theddid ossija b' koercizzjoni. Konsegwentement assolutament ma kien hemm ebda raguni ghala l-eccezzjoni tal-koercizjoni ma gietx moghtija effett mill-Ewwel Qorti una volta li dawn iz-zewg elementi kardinali gew provati fil-grad li trid il-Ligi molto piu' meta jitqies li fl-isfond tal-

premess l-massirnu "coactus tamen voluit" m' huwiex applikabbli fil-fattispeci partikolari ta' dan l-kaz; dan in vista tal-fatt li n-natura tat-theddid u l-manipulazzjoni prattikata minn Debattista kienu tali li l-esponent ma kellux d-dehen u l-kuragg, konsegwenti senjatament ghall-inesperienza tieghu, li jirrikorri ghall-intervent tal-Pulizija. Fi kliem iehor l-esponent beza' li jirrikorri ghand il-Pulizija billi kien pre-avvizat minn Debattista li huwa kien ikun jaf dwar dan immedjatament. M'hemmx dubbju wkoll li fil-percezzjoni soggettiva tal-esponent fiz-zmien relevanti t-theddida dwar l-eliminazzjoni ta' bin l-esponent kien 'attwali' u 'reali' u dan matul il-perjodu qasir li fih zvolgew it-transazzjonijiet li taw lok ghal dan il-kaz.

C. Minghajr pregudizzju ghall-premess, referibbilment ghall-quantum li l-esponent allegatament appropja fl-interess ta' Debattista qed issir referenza ghas-segwenti principji legali li l-esponent jissottometti li japplikaw f' process penali:

i) L-onus probandi jiggrava fuq il-Prosekuzzjoni li hija tenuta li tipprova l-kaz taghha fil-grad tal-konvinciment morali b' mod li ma jibqa' ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tal-imputat u ghalhekk jekk dan il-grad ta' prova ma jigix, raggunt allura l-Prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova l-kaz taghha fil-grad li trid il-Ligi;

ii) L-imputat m' hu obbligat li jipprova xejn u di fatti jista' jaghzel li ma jixhidx jew li jressaq kwalsiasi prova in sostenn tat-tesi tieghu ta' non-reita';

iii) Jekk jaghzel li jipprova xi haga huwa bizzejjed ghall-imputat li jipprovaha fil-grad tal-probabilita' stante li dan ipso facto jkollu l-effett li jnissel dubbju ragonevoli (u konsegwentement li jimmina l-grad ta' prova li l-Prosekuzzjoni tinhtieg li tilhaq) u dan esklussivament jew flimkien ma provi diretti u/jew indizzjarji ohra li jirrizultaw fil-kors tat-process dan referbbilment ghal tema partikolari li tkun irrizultat fil-kors tal-process jew sahahsitra b' referenza ghall-kaz fl-assjem tieghu.

Issa f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti gustament ikkonkludiet li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-quantum li allegatament kien gie' appropjat stante li l-ufficjali tal-istess societa' li kienu ghamlu l-istharrig fir-rigward ma kienux tressqu bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni. MiIl-banda l-ohra l-Ewwel Qorti rritieniet li xhieda tal-esponent fis-sens li "minghalih" il-quantum involut kien jammonta ghal bejn LM 20,000 u LM 22,000, kien adegwat biex jipprova fi grad ta' probabilita' il-quantum involut.

Pero' huwa sottomess li it-terminu "minghalih" huwa evidentement klassifikabbli fil-kamp tal-possibbli liema grad m' ghandu ebda portata probatorja. Di fatti x-xhieda tal-esponent f' dan il-kuntest ma kienx ibbazat fuq provi konkreti izda fuq mera kongettura ossija kienet komputazzjoni arbitrarja minghajr ebda provi konsistenti f'dokumentazzjoni jew provenienti mix-xhieda ta' terzi intizi li jsahhu dina l-asserzjoni. lsegwi skond ir-ragjonament ta' l-Ewwel Qorti, illi fl-ipotesi li l-esponent semma' , per ezempju, c-cifra ta' LM 5000 jew LM 100,000 allura din kienet tkun ic-cifra talvolta dovuta. Dan mhux fondat fuq pjan legali billi l-kongettura jew l-ipotesi ma tilhaqx il-livell probatorju li jinhtieg li jintlahaq mill-imputat biex jipprova xi haga ossija l-grad tal-probabilita' .

Konsegwentement c-cifra relevanti baqghet "indeterminata" u ghalhekk klassifikabbli fl-isfera tal-possibilita' . Ghalhekk una volta li c-cifra involuta baqghet mhix kwantifikata l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkwantifikaha b' mod arbitrarju ghab-bazi tal-kongettura tal-esponent. La darba li x-xhieda ta' Victor Brockdorf giet karatterizzata bhala ekwivalenti ghal kongettura propju ghax ma kinietx imsahha mix-xhieda tal-esekuttivi tad-ditta surriferita, anke dak li lissen l-esponent fis-sens li jista' jkun li c-cifra dovuta kienet tammonta ghal bejn LM 20,000 u LM 22,000 minghajr ma kienet imsahha minn ebda provi ohra messha giet trattata bhala mera kongettura, kif in effetti kienet. Certament li kongettura ma jista' jkollha ebda portata probatorja ghax in difett il-principji legali li jispiraw process penali jigu

skardinati u menomati. Una volta li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha fil-grad li trid il-Ligi dan in-nuqqas ma jistghax jigi kumpensat u kolmat billi tigi accettata bhala prova cifra arbitrarja li fettillu isemmi l-esponent li m'hix ibbazata fuq provi inekwivoci u inkonfutabbli li jikkonfermaw li c-cifra li semma' l-esponent hija korretta.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti ta' nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) Dr. Matthew Xuereb ghall-Avukat Generali eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell in vista li t-talba fl-istess rikors hija nulla u bla effett.

L-Avukat Generali prezenta nota ta' referenza dwar dan, filwaqt li l-appellant prezenta nota responsiva annessa ma' rikors, liema rikors gie mwiegeb mill-Avukat Generali. Din l-eccezzjoni rigwardanti n-nullita' tal-appell giet trattata quddiem din il-Qorti u l-appell gie mholli ghal-lum ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni preliminari.

Jirrizulta li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra l-appellant u mhux tat-tieni (2) imputazzjoni filwaqt li l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu talab ir-revoka tas-sentenza appellata. Din il-Qorti sejra tirriproduci *ad verbatim* dak li l-appellant talab permezz tar-rikors tal-appell tieghu:

'*Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jaghmel referenzza ghall-provi prodotti fl-Ewwel Grad u filwaqt li jirriserva li jipproduci dawk il-provi permessi mill-Ligi fl-istadju tat-trattazzjoni ta' dana l-appell, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, fl-isfond tas-suespost, tirrevoka is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Lulju tas-sena korrenti fil-kawza fl-ismijiet premessi.*'

Fil-bidu tal-appell tieghu, l-appellant jispjega ta' liema imputazzjoni instab hati u ta' liema gie liberat u jkompli jissottometti li hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u li qed jinterponi appell minnha. Jekk l-appellant hassu aggravat mis-sejbien ta' htija tal-ewwel (1) imputazzjoni, it-talba fir-rikors tal-appell ma kellha qatt tkun ir-revoka tas-sentenza appellata izda r-riforma tas-sentenza appellata, ossia fejn jitlob li jigi kkonfermat li mhuwiex hati tat-tieni (2) imputazzjoni u jitlob it-thassir u r-revoka fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni. In oltre' meta appellant jappell ukoll mill-piena, ghandu subordinament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, jitlob ir-riforma tal-piena. Dan kellu jitnizzel b'mod car mill-appellant fir-rikors tal-appell.

L-Avukat Generali issoleva n-nullita' u/jew l-ineffettivita' tar-rikors tal-appell ghaliex mhux f'pozizzjoni li jirregola ruhu fl-isfond ta' talba neboluza u ambigwa li hi msejsa fuq revoka wahedha. Skont l-Avukat Generali lanqas ma jista' juza il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jghinu fl-interpretazzjoni ta' tali talba. Minkejja li llum il-gurnata n-nullita' tassattiva giet emendata f'dawn il-kazijiet, xorta jishaq li r-rikors tal-appell huwa wiehed bla snien u cioe' mhux effettiv ghaliex tali talba la tpoggi lil Qorti, lil Avukat Generali u lanqas lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob.

Minn naha l-ohra, l-appellant jissottometti li meta prezenta r-rikors tal-appell, huwa kien ippremetta b'mod inekwivoku li permezz tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Grad huwa kien instab hati tal-ewwel akkuza *ai termini* tal-artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 izda li huwa kien gie liberat mit-tieni akkuza li kienet ingiebet kontra tieghu a tenur tal-artikolu 183 u 184 tal-Kapitolu 9. Ghalhekk skont l-appellant huwa mill-aktar evidenti li l-aggravju tieghu kienet indirizzat lejn is-sejbien ta' htija in konnessjoni mal-ewwel akkuza. Certament ma kienx aggravat mill-fatt li huwa gie liberat mit-tieni akkuza u ghalhekk skont l-appellant ma jaghmilx sens li jigi argumentat li m'huwiex car dwar x'inhuma effettivament l-aggravji tal-appellant u x'qed jintalab. Il-fatti tal-kaz skont l-appellant jindika minghajr ebda dubju li huwa kien qieghed jirrefereri principalment ghall-ewwel akkuza li dwarha kien instab hati.

Jissottometti ukoll li qabel ma beda jitratta l-ilment tieghu bid-dettall, ittratta l-aggravju tieghu b'referenza ghas-sentenza li kienet inghatat, irrefera esplicitament ghad-dispsizzjonijiet tal-artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont l-appellant, is-sottomissjonijiet li tressqu sussegwentement kienu imposti bhala argumenti li jiggustifikaw il-liberazzjoni tal-appellant mill-ewwel akkuza.

L-appellant jissottometti ukoll li fil-parti sostantiva tar-rikors tal-appell ma saret ebda referenza ghat-tieni akkuza li minnha gie liberat u dan naturalment ghaliex ma kienx aggravat mill-fatt li gie liberat minn din l-akkuza. L-appellant jikkoncedi li hemm zball fit-talba dedotta fir-rikors tal-appell li skont l-appellant '*jikkonsisti fi zball ta' typing*', dan l-izball skont l-appellant ma ghandux iwassal ghall-estremi tan-nullita' tal-appell kif mitlub mill-Avukat Generali u certament mhux gustifikat fl-isfond tal-ememdi li saru fil-ligi ta' procedura kriminali permezz tal-Att Numru 1 tal-2018 u l-kazistika ta' din l-Onorabbli Qorti wara li dan l-Att gie fis-sehh.

L-appellant jissottometti ukoll li ma jkunx ekwu li l-appellant jigi mcahhad mill-possibilita' li l-appell tieghu jigi trattatat in vista tal-konsegwenzi, ossia l-piena inflitta. Jissottometti li n-nozzjoni tan-nullita' ta' appell gie cirkoskritt mill-legislatur bl-iskop li l-partijiet ikollhom l-opportnita' li jivventilaw it-testijiet rispettivi mill-punto di vista tal-ligi sostantiva minghajr ma jigu ostakolati minn formalizmu esagerat mill-*punto di vista* procedurali li skont l-appellant jistultifika il-kuncett innifsu ta' appell li jkun tressaq minn wahda mill-partijiet, skond l-ezitu tas-sentenza moghtija fl-Ewwel Grad. Skont l-appellant, l-ghan ahhari tal-legislatur f'dan ir-rigward kien fis-sens li l-emfasi ma ghandhiex tkun fuq il-formalitajiet izda fuq l-aspett sostantiv ta' appell. Li l-formalitajiet ma ghandhomx ikunu il-kawza li jimminaw ir-ricerka tal-verita'.

Il-partijiet ghamlu referenza ghal sentenzi, fosthom sentenzi decizi minn din il-Qorti wara l-emendi li saru fl-artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li din il-Qorti sejra ticcita uhud minnhom aktar il-quddiem. L-appellant jissottometti li hemm lok li l-appellant jigi awtorizzat biex jipprezenta rikors biex jikkoregi l-izball genwin

li sar fir-rikors tal-appell prezentat mill-appellant. Ghall-Avukat Generali, il-kaz odjern huwa differenti minn dawn il-kazijiet u dan ghaliex l-appell odjern jikkontjeni r-rekwiziti kollha tal-artikolu 419(1) tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jikkoncedi li in-nuqqas ta' rekwizit tat-talba fir-rikors ta' appell jew xi zball fit-talba minhabba *lapsus calami* hija rimedjabbli tramite rikors ta' korrezzjoni ulterjuri u b'hekk jistghu jigu salvati l-atti, madankollu fil-kaz odjern anke jekk *dato ma non concesso* jigu salvati l-atti tar-rikors tal-appell, it-talba hija wahda ineffettiva, mhux wahda ta' semplici *lapsus calami* u ghalhekk il-Qorti ma tistax tvarja' ai fini ta' piena, tillibera jew tikkonferma l-htija. In oltre, li jekk l-appellant jigi permess jemmenda t-talba tieghu din tasal tammonta ghal talba differenti minn dik sottomessa fir-rikors tal-appell originali. Skont l-Avukat Generali '*rikors ta' appell*' hu fil-fatt '*talba ghall-appell*' liema talba tista' tigi milquha jew respinta fl-intier taghha jew parzjalment u l-effett tal-istess talba ghall-appell hija kristallizzata fil-parti msejha '*it-talba*'. Jekk din it-talba tigi b'xi mod imbghabsa jew mibdula wara li tkun giet registrata t-talba ghall-appell, in-natura tal-appell innifsu jinbidel u jiehu sens differenti minn dak originarjament sottomess. Jissottometti li r-rikors ta' appell bit-talba kif emendata qatt ma tista tkun sottomessa mill-gdid stante li din tista' tkun meqjusa li saret *fuori termini* skont l-artikolu 417 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi b'harsa lejn it-talba kif maghmulha fl-appell jirrizulta kjarament li t-talba kif maghmulha hi zbaljata, u li din mhijiex kwistjoni ta' zball tipografiku ossia zball ta' *typing* kif l-appellant jissottometti li hu. It-talba kif maghmulha hija wara erronja ghall-ahhar u dan stante li ma taghmel l-ebda sens li din il-Qorti tintalab biss biex tirrevoka s-sentenza appellata, talba li taghti x'tifhem li s-sentenza fl-intier taghha qieghda tintalab li tigi revokata inkluza l-parti rigwardanti fejn l-appellant gie liberat u mhux biss dik il-parti fejn sabet htija. Naturalment, ma hemmx dubju li l-appellant ma hassux aggravat mill-fatt li gie liberat mit-tieni (2) akkuza izda kien aggravat mill-fatt li gie misjub hati tal-ewwel akkuza u ressaq ukoll aggravju dwar il-'*quantum*'. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk dan l-izball iwassalx ghan-

nullita' jew l-inefficita' tal-appell u dan wara l-emendi introdotti bl-Att 1 tal-2018 li dahal fis-sehh fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), fejn il-kliem "*taht piena ta' nullita*" fl-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew imhassra. Is-sentenza appellata giet deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) filwaqt li l-appell gie intavolat fis-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018).

L-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra: (*1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, **għandu** jkun fih, -*

*(a) il-fatti fil-qosor;*

*(b) ir-raġunijiet tal-appell;*

*(ċ)* ***it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal- qorti inferjuri'*** (Emfazi mizjuda)

Fir-rikors tal-appell odjern jirrizulta li hemm il-fatti, ir-ragunijiet ossia l-aggravji tal-appell u talba ghar-revoka. Kif gia inghad, la ntalab it-thassir u lanqas it-tibdil tas-sentenza. L-artikolu 505 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Barra mill-indikazzjonijiet komuni għall-atti ġudizzjarji, ir-rikors għandu jkun fih il-fatti tal-kawża fil-qosor imma ċari, ir-raġuni tal-appell u t-talba tal-appellant.*'

L-artikolu 143(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Fil-każijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba għal tħassir għandha titqies li tinkludi talba għal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba għal annullament għandha titqies li tinkludi talba għal tħassir u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet.*'

Dan l-artikolu huwa rez applikabbli permezz tal-artikolu 520(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel referenza ghal uhud mis-sentenzi fejn fihom tqajmet eccezzjoni dwar in-nullita' tal-appell, liema sentenzi inghataw wara l-emendi li dahlu fis-sehh fis-sena elfejn u tmintax (2018) u fejn ghalhekk is-sitwazzjoni hija ferm differenti mill-mod ta' kif il-Qrati qabel tali emendi kienu jikkunsidraw zbalji fit-talbiet jew f'wahda mill-formolitajiet tal-appell u dan kif

jixhdu numru ta' sentenzi, uhud minnhom li l-Avukat Generali ghamel referenza ghalihom fin-nota ta' referenzi tieghu, li kienu jwasslu ghan-nullita' tal-appell.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Maria Victoria Grech'**[3] it-talba kontenuta fl-appell kienet taqra kif isegwi:

*'GHALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment qedha tinterponi dan l-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' April, 2018 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Maria Victoria Grech" [Kaz Numru: 43 fuq il-lista] u titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi THASSAR U TANNULLA s-sentenza appellata billi TIDDIKJARA l-istess sentenza nulla u bla effett; jew fin-nuqqas ta' dan, Tirriforma s-sentenza appellata billi THASSARHA U TIRREVOKAHA fil-htija stal-imputazzjonjiet. u minflok tiddikjaraha mhux hatja taghhom u konsegwentement tilliberahah minnhom.'*

Il-Qorti kif preseduta kienet cahdet l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali fejn talab ir-rikors tal-appell jigi dikjarat null, u *ai termini* tal-artikolu 143(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli bl-artikolu 520(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkunsidrat li l-kelma '*thassir*' bhala li tinkludi kemm l-annullament u anke t-tibdil tas-sentenza appellata.

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Mark Gaffarena'**[4] rigwardanti rikors tal-appell li fih ma tnizzlux il-fatti, gie kkunsidrat:

*'Il-Qorti tirrileva li permezz ta' l-ahhar emenda li saret u cioe b'Att I tas-sena 2018 il- kliem taht 'piena ta' nullita' gew imhasra u ghalhekk dan ifisser li minkejja li wahda minn dawn ir-rekwiziti ikun nieqes, tali nuqqas ma iwassalx ghan-nullita ta' l-att.*

*Ir-raison d'etre tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil- posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 219/2018)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 167/2018)

*jitlob.*

*Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bid-decizjoni dwar is-sejbien ta' htija ghar-rigward l-ammissjoni tieghu fejn inghata dikjarzzjoni ta' htija ghall-akkuzi kollha.*

*Illi l-avukat difensur kellu issemmi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-appell skont is-subinciz (a) tal-artikolu 419 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi n-nuqqas tal-appellant kien jammonta ghan-nullita' li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, u tali rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal-ezitu infelici.*

*Illi ghlahekk in linea ma dak li jiddisponi l-artikolu 419(1)( a) l-Qorti qieghda tidderigi lill-avukat difensur tal-appellant sabiex jipprezenta rikors fejn titlob li jghamel korrezzjoni fir-rikors tal-appell tieghu fis-sens li jinkludi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-appell.*

*Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali qed tigi rigettata u tiddiferixxi l-kawza sabiex l-appellant jidderigi ruhu fid-dawl tal-provediment ta' illum sabiex wara li dan isehh din il-Qorti tkun tista' tghaddi ghas-sentenza finali taghha.'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'IL-Pulizija (Spettur Neville Mercieca) vs Rita Zammit'**[5] fejn gie kkunsidrat:

*'1. Illi preliminarjament irid ikun deciz punt sollevat minn din il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018 meta osservat illi t-talba fir-rikors tal-appell hija ghar-riforma tas-sentenza appellata meta l- aggravju jipotizza t-tahsir tal-istess sentenza. L-Avukat Generali ikkampa fuq din l-osservazzjoni u talab li r-rikors ikun dikjarat null. L-Avukat Generali kellu ragun meta ghamel din it-talba izda hawn ghandna kaz klassiku ta' jus superveniens ghaliex filwaqt illi bl-artikolu 419, fuq piena ta' nullita', l-appellant kellu jitlob, inter alia, ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, l-Att I tal-2018 nehha l-oneru fuq piena ta' nullita' f'dan l-artikolu u inoltre ghamel applikabbli ghal-Kodici Kriminali l-artikolu 142 u 143 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-ahhar artikolu jelenka x'ghandu jkun fih ir-rikors tal-appell u is-subartikolu (4) tieghu jipprovdi illi talba ghat-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza u li talba ghall-annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghat-thassir u tibdil taghha;*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju, 2018 (Appell Numru: 249/2016)

*2. Il-Qorti tosserva illi l-artikolu 142*[6] *subartikolu (4) ma jipprovdix bl-istess mod meta t-talba tkun ghat-tibdil tas-sentenza fis-sens illi it-talba ghat-tibdil tinkludi talba ghat-thassir jew annullament tas-sentenza. Izda, is-subartikolu (5) imbaghad jipprovdi li n-nuqqas ta' tharis tas-subartikolu (1), (2) u (3) ma jgibx in-nullita' tar-rikors ghaliex il-Qorti ghandha tordna permezz ta' digriet lill-appellant sabiex fi zmien jumejn jirregola ruhu. Illi ghalhekk fl-ispirtu tal-emendi appena citati intizi sabiex jirrilassaw regoli precedenti li altrimenti kienu jirrendu rikors konsimili null, din il-Qorti qed tqis illi t-talba ghat-tibdil tinkludi fiha t-talba ghat- thassir tas-sentenza;*'

Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bid-decizjoni dwar is-sejbien ta' htija tal-ewwel (1) imputazzjoni, filwaqt li ressaq ukoll aggravju rigward il-'quantum', b'dan li din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant qieghed jirreferi ghal piena inflitta mill-Ewwel Qorti. L-izball maghmul mill-appellant fejn talab biss ir-revoka tas-sentenza kien qabel l-emendi introdotti bl-Att I tal-2018 iwassal possibilment ghal ezitu infelici ossia n-nullita' tal-appell.

Minkejja li l-appellant talab ir-'revoka' mhux it-'thassir', din il-Qorti qieghda tinterpreta l-kelma 'tirrevoka' bhala bl-istess tifsira ta' 'thassar' u ghalhekk *ai termini* tal-artikolu 143(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talba ghat-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti qieghda tidderigi lill-Avukat difensur tal-appellant sabiex jipprezenta rikors fejn jitlob li jaghmel korrezzjoni fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali li talba emendata hi meqjusa bhala li saret *fuori termini* skond l-artikolu 417 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan tenut kont tal-fatt li l-appell gie prezentat entro t-terminu stabbilit bil-ligi u din il-Qorti sejra tiddeciedi entro dak sottomess fl-aggravji mressqaa fl-appell u mhux oltre.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni ta' nullita sollevata mill-Avukat Generali u qieghda tiddiferixxi l-kawza sabiex l-appellant jidderigi ruhu fid-dawl tal-provediment tal-lum sabiex wara din il-Qorti tghaddi sabiex tisma t-trattazzjoni fuq il-mertu tal-appell u tghaddi ghas-sentenza finali taghha. Din il-Qorti qed tipprefiggi

[6] Din il-Qorti tifhem li dan l-artikolu kellu jaqra 143 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

zmien ghaxart ijiem sabiex l-appellant jiregola ruhu fid-dawl tal-provediment ta illum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur